MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Numru. 42/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**
**Fabio Schembri ta’ 20 sena iben Anthony u Lorenza nee’ Sciberras,**
**imwieled Victoria fl-20 ta’ Mejju 1987 u residenti “Harmony”, Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita’ numru 19187(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Fabio Schembri li gie akkuzat talli fit-12 ta’ Settembru 2007 ghall-habta tas-7:15a.m. f’Ghawdex zamm xi mezz li l-uzu tieghu huwa ipprojbit mill-paragrafu (1) ta’ r-regolament 7(1) u ir-

regolament 7 (2) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2007 kif sussegwentement emendat;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li kellha kompartiment ta’ l-iskratac li jista’ jzomm aktar minn zewgt iskratac fl-istess hin u dan bi ksur tar-regolament 18 (2)(b) tal-A.L. 79 ta’ l-2007;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minbabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li taghti l-piena skond il-ligi, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Semghet il-provi;

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli indikati mill-prosekuzzjoni fl-akkuzi u cioe’ l-Artikoli 7 (1) u 7 (2) u 18 (2) (b) ta’ l-Avviz Legali 79 ta’ l-2007 u l-Artikolu 141 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat;

Illi ghar-rigward ta’ l-ewwel zewg akkuzi rrizulta illi l-Artikoli tal-Ligi li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat ma jinkwadrawx ruhhom fil-fatti tal-kaz kif jirrizulta mill-provi peress illi din il-Ligi titratta suggett iehor mhux konness mal-kawza. Kwindi l-ewwel zewg akkuzi kif formolati ma jinkwadrawx ruhhom u l-imputat qed jigi liberat minnhom;

Illi ghar-rigward ta’ l-ahhar akkuza, din ma tirrizultax ippruvata u kwindi l-imputat qed jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------